**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' April, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 385/2022 AF**

**Charles Grech**

**vs**

**Spiridione u Anna konjugi Bondin**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Charles Grech, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-attur kien mizzewweg ma' Vanessa Grech kif jattesta l-anness certifikat taz-zwieg [**Dok: A**]. Illi l-imsemmija Vanessa Grech, bint l-odjerni konvenuti, giet nieqsa fis-6 ta' Marzu, 2021 u dan hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt [**Dok: B**].

Kif jirrizulta mill-annessi ricerki testamentarji [**Dok: C** u **Dok: D**] Vanessa Grech kienet irregolat is-successjoni taghha permezz ta' l-ahhar testament pubbliku datat l-4 ta' Gunju, 2020 in atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Ritianne Bugeja Fenech, liema testment qed tigi annessa kopja tieghu mal-prezenti [**Dok: E**].

Permezz ta' l-imsemmi testament pubbliku, Vanessa Grech kienet hassret kwalsiasi testament li setat wettqet precedentement u, filwaqt li innominat lill-genituri taghha, il-prezenti konvenuti, bhala unici eredi universali taghha, kienet ordnat d-dizeredazzjoni ta' l-attur. F'dan ir-rigward, it-Tielet Artiklu fit-testment jaqra testwalment hekk:

> <u>It-Tielet Artikolu</u>
>
> It-Testatrici qieghda teskludi ghal kollox, fit-termini tal-artikolu sitt mija tmienja u tletin subartikolu b [638(b)] tal-Kodici Civili, lil zewgha Charles Grech, minn kwalunkwe jedd li jista' jkollu b'effett tal-ligi fuq l-assi ereditarju taghha, inkluz kwalunkwe jedd ghas-sehem rizervat.
>
> It-Testatrici tiddikjara ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi li prezentement hija u zewgha Charles Grech ghaddejjin bi process ta' firda, wara li l-istess zewgha abbandunaha waqt li ghaddeja minn marda serja. Dan l-agir tal-imsemmi Charles Grech ikkaguna hafna tbatija lit-Testatrici.

Il-gravità tar-raguni li dwarha testatur jista' jiddezereda werriet ghandha tkun tali li mhux kull ghemil meqjus bhala offensiv mit-testatur jaghti raguni ghad-dizeredazzjoni. Il-Ligi trid li r-raguni

tad-dizeredazzjoni tissemma' espressament fit-testment u l-prova taghha trid issir mill-persuna li tallegaha. Inoltre, r-raguni li tissemma trid ukoll tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Ligi f'lista li hija tassattiva (skond l-Art. 623 tal-Kodici Cvili) u li ma tippremetix tifsir b'analogija - haga li f'dan il-kaz ma tezistix. L-imsemmi tifsir tar-raguni tad-dizeredazzjoni ghandu jkun wiehed restrittiv favur il-persuna mnehhija mill-wirt u mhux tifsir kontriha. Addirittura, fejn ir-raguni ghad-dizeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tigix pruvata, il-persuna li tkun tnehhiet mill-wirt ikollha jedd ghas-sehem rizervat.

Bla ebda pregudizzju ghall-premessa successiva, minn aspett ta' forma u ta' formalità l-imsemmi Tielet Artiklu tat-testment datat l-4 ta' Gunju, 2020 ma jirrispettax il-vot tal-Ligi u li, ghalhekk, l-istess Tielet Artiklu m'ghandu l-ebda validità legali u m'ghandu l-ebda effikacja guridika peress li ma jirrispettax il-modalità ta' kif tithaddan u tithaddem id-dizeredazzjoni ta' persuna u dan hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dan il-procediment.

Bla pregudizzju ghall-premess, minn aspett sostantiv, l-attur qed jichad bil-qawwa l-allegazzjoni deskritta fit-Tielet Artiklu tat-testment datat l-4 ta' Gunju, 2020 u allura din id-dikjarazzjoni ghandha, *se mai*, tigi debitament ippruvata minn min jallega a tenur ta' l-Art. 625 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Huwa ghalhekk li kellha ssir din il-kawza u dan sabiex l-attur jigi ri-integrat fil-jeddijiet tieghu skond il-Ligi u li jigu lilu akkordati d-drittijiet kollha ancillari u/jew accessorji.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja maghmula mit-testatrici Vanessa Grech fit-testment datat l-4 ta' Gunju, 2020 in atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Ritianne Bugeja Fenech fit-Tielet Artiklu, fejn l-istess testatrici ordnat d-dizeredità ta' l-attur ghar-raguni hemmhekk imfissra, bhala nulla u inattendibbli u konsegwentement thassar l-effetti kollha taghha u ta' l-effetti kollha accessorji u konsegwenzjali minnha derivanti.

2. Tiddikjara illi l-attur jispettalu, skond il-Ligi, il-porzjon rizervata.

3. Tillikwida l-assi ereditarji tad-defunta Vanness Grech billi tiddikjara l-konsistentza ta’ l-assi ta’ l-istess Vanessa Grech li jirrizultaw spettanti lilha fid-data tal-mewt taghha.

4. Tillikwida l-porzjon rizervata dovuta lill-attur.

5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu u/jew jassenjaw lill-attur l-porzjoni rizervata hekk likwidata favur tieghu.

6. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment jidhru fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u hlas u/jew assenjazzjoni tal-porzjon rizervata fuq imsemmija u kif likwidata.

7. Tiffissa gurnata, hin u lok ghal publikazzjoni ta’ l-att relattiv u tinnomina nutar pubbliku ghall-istess fini u kif ukoll kuraturi deputati biex jidhru fuq il-kuntratt ghall-eventwali kontumacji fuq l-istess att pubbliku.

8. Taghti kull ordni jew direttiva u/jew takkorda kull rimedju li jinhass xieraq fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fid-dawl tat-talbiet attrici.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess konvenuti, li huma minn issa msejjha ghas-subizzjoni taghhom, u salv kull azzjoni ohra jew ulterjuri spettanti lill-attur skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti Spiridione u Anna konjugi Bondin, li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament din il-Qorti ghandha tordna s-soprasessjoni ta’ din il-kawza sakemm tigi deciza l-kawza bhalissa pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bir-rikors mahluf bin-numru: 24/2021/JPG fl-ismijiet “Vanessa Grech v. Charles Grech” f’liema kawza d-defunta Vanessa Grech talbet, fost l-ohrajn, specifikatament illi dik il-Qorti tiddikjara d-dekandenza

tal-imsemmi Charles Grech minn kull jedd successorju minhabba htija tieghu ghat-tkissir taz-zwieg. Huwa evidenti illi b'decizjoni ahharija dwar tali talba f'dawk il-proceduri l-mertu ta' din il-kawza jigi ezawrit.

F'kull kaz it-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

L-ewwel talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma hemm l-ebda raguni ghaliex it-tielet artikolu tat-testment illi d-defunta binthom Vanessa Grech ghamlet fl-4 ta' Gunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech jigi dikjarat null u inattendibbli u illi jithassru l-effetti kolla tieghu.

Mhuwiex minnu illi minn aspett ta' forma u ta' formalità it-tielet artikolu tat-testment illi d-defunta binthom Vanessa Grech ghamlet fl-4 ta' Gunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech hija gustifikata skond il-ligi kif jigi ppruvat ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Ir-raguni ghad-dizeredazzjoni moghtija fit-tielet artikolu tat-testment illi d-defunta binthom Vanessa Grech ghamlet fl-4 ta' Gunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech hija gustifikata skond il-ligi kif jigi ppruvat ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza.

B'konsegwenza ma hemmx porzjon rizervata x'tigi dikjarata dovuta lill-attur, x'tigi likwidata u mhallsa lill-attur u ghalhekk it-talbiet l-ohra kollha maghmula mill-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sitt u s-seba' talbiet saru inutilment billi ma hemm l-ebda att x'jigi ppubblikat.

Salv twegibiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat illi l-kawza odjerna tittratta essenzjalment klawsola ta' dizereditazzjoni li giet inkluza fit-testment ta' Vanessa Grech, konjugi, llum defunta, ta' Charles Grech.

Jirrizulta illi bejn id-defunta u zewgha kienu nbdew proceduri ta' separazzjoni personali, liema proceduri ghadhom pendenti u li fihom l-atti gew legittimati favur Spiridione u Anna, konjugi Bondin, genituri u eredi tad-defunta binthom. Fl-imsemmija kawza ta' separazzjoni l-attrici llum defunta talbet, *inter alia*, illi l-Qorti:

> *"Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tistabilixxi data minn meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnu kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet imsemmija inoltre illi l-intimat mhux biss tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti li saru wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-intimat irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-intimat ddekada mid-dritt li jitlob manteniment mill-attrici."*

Permezz ta' <u>din</u> il-kawza, mill-banda l-ohra r-rikorrenti qieghed jitlob li tigi moghtija lilu l-kwota rizervata li l-ligi takkorda lill-konjugi tad-defunt.

L-intimati jsostnu li l-Qorti ghandha tistenna sakemm tigi deciza l-kawza ta' separazzjoni u tkompli skond l-ezitu ta' dik il-kawza.

Is-soprassessjoni hija miżura straordinarja f'ċirkostanzi eċċezzjonali li min-natura intrinsika tagħha għandha l-effett, allavolja mhux mixtieq, li ttawwal il-proċeduri li jiġu sospiżi. Il-kejl dwar jekk is-soprassessjoni hiex meħtieġa jew le jiddependi minn kemm il-Qorti li tiġi rinfaċċjata b'talba simili hiex tal-fehma

illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi effettwata negattivament jekk qabel tiddeċiedi l-każ li għandha quddiemha ma jkunx qabel xejn deċiż il-mertu tal-kawża l-oħra. (AC Fuels Limited vs Anthony Schembri et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta, fid-29 ta' Ottubru 2019).

Il-Qrati tagħna dejjem użaw kawtela kbira qabel ikkonċedew soprasessjoni f'kawża u dan in vista tar-riperkussjonijiet li din inevitabilment iġġib magħha. Infatti din il-miżura tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali. Ingħad hekk fil-każ ta' John Debono et vs Mario Buhagiar et, deċiż fil-21 ta' Jannar 2016.

> *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> *Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*
>
> *Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li,*

*minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf;*

*Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji regolatorji din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax logikament tinghata decizjoni f'din il-kawza sakemm ma tkunx deciza l-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja fejn, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti hemmhekk, jigi mxejjen kull dritt illi qieghed jippretendi r-rikorrenti f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Spiridione u Anna konjugi Bondin u tordna li din il-kawza tithalla sine die riappuntabbli wara d-decizjoni fil-kawza Nru. 24/2021/JPG.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG